MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tat-28 ta' Lulju, 2012

Numru 773/2012

Il-Pulizija
(Spettur Tony Cachia
Spettur Jonathan Ransley)

vs

Carmel Mugliett

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta’ karta ta’ l-identita’ numru 457762M, akkuzat f’diversi lokalitajiet f’dawn il-Gzejjer, fil-perjodu ta’ bejn ix-xhur ta’ Mejju 2012 u Lulju 2012, b’diversi atti maghmulin mill-istess Carmel Mugliett, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li kienu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda:

1a. nhar it-2 ta' Mejju 2012 ghal hin ta' bejn id-disa' ta' fil-ghodu u s-sitta ta' fil-ghaxija minn go residenza b'numru 11, Parisienne Triq tat-Tabija Rabat, flimkien ma' persuna ohra kkommetta serq ta' gojjellerija, flus kontanti u diversi oggetti ohra liema serq huwa kkwalifikat bil-mess, bil-lok u bil-valur li jeccedi l-elfejn tliet mija u disa' u ghoxrin Ewro u seba' u tlettin centezmu (2,329.37) ghad-dannu ta' Gemma Agius u/jew ta' xi persuna/i u/jew xi entita' u/jew entitajiet ohra.
1b. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' fuq il-bieb ta' barra ta' l-imsemmija residenza liema hsara ma tiskorriex l-elf mija u erba' u sittin Ewro u disa' u sittin centezmu (1,164.69) imma izjed minn mija u sittax-il Ewro u seba' u erbghin centezmu (116.47)
2. nhar is-7 ta' Mejju 2012 ghall-hin ta' bejn il-hamsa u nofs ta' fil-ghaxija u s-seba' u nofs ta' fil-ghaxija minn go residenza 193, Houri, Triq il-Kampanella, Fgura flimkien ma' persuna ohra kkommetta serq ta' gojjellerija u diversi oggetti ohra liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-lok u bil-valur li jeccedi l-elfejn tliet mija u disa' u ghoxrin Ewro u seba' u tlettin centezmu (2,329.37) ghad-dannu ta' Miriam Consiglio u/jew ta' xi persuna/i u/jew xi entita u/jew entitajiet ohra.
3. bejn l-20 ta' Mejju 2012 u l-21 ta' Mejju 2012 ghall-hin ta' bejn is-sitta ta' fil-ghaxija u s-sitta ta' fil-ghodu minn go hanut bl-isem ta' The Eclipse House, Triq il-Kbira San Guzepp, Hamrun flimkien ma' persuni ohra kkommetta serq ta' flus kontanti liema serq huwa kkawlifikat bil-mezz, bil-hin u bil-valur li jeccedi l-mitejn u erba' u tlettin Ewro u sitta u erbghin centezmu ghad-detriment ta' Vincent Mamo u/jew ta' xi persuna/i u/jew xi entita' u/jew entitajiet ohra.
4a. nhar l-24 ta' Mejju 2012 ghall-hin ta' bejn l-ghaxra ta' fil-ghodu u nofsinhar minn go residenza Ix-xehda Triq San Valentin, Hal-Balzan flimkien ma' persuna ohra kkommetta serq ta' gojjellerija u diversi oggetti ohra liema serq huwa kkalifikat bil-mezz, bil-lok u bil-valur li jeccedi l-elfejn tliett mija u disa' u ghoxrin Ewro u seba' u tlettin centezmu (2,329.37) ghad-detriment ta' Philip Galea u

Vittoria Galea u/jew ta’ xi persuna/i u/jew xi entita’ u/jew entitajiet ohra
4b. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe’ fuq il-bieb ta’ barra ta’ l-imsemmija residenza liema hsara ma tiskorriex il-mija u sittax-il Ewro u seba’ u erbghin centezmu (116.47)
5a nhar l-1 ta’ Gunju 2012, ghal hin ta’ bejn id-disa’ u nofs ta’ fil-ghodu u nofs inhar neqsin kwart minn go residenza Il-Palma, Triq il-Mithna, Hal-Lija flimkien ma’ persuna ohra kkommetta serq ta’ gojjellerija liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-lok u bil-valur li jeccedi l-elfejn tlett mija u disa’ u ghoxrin Ewro u seba’ u tlettin centezmu (2,329,37) ghad-detriment ta’ Giorgia Borg u Felice Borg u/jew ta’ xi persuna/i u/jew xi entita’ u/jew entitajiet ohra.
5b. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe’ fuq il-bieb ta’ barra ta’ l-imsemmija residenza liema hsara ma tiskorriex il-mija u sittax-il Ewro u seba’ u erbghin centezmu (116.47).
6a. nhar is-17 ta’ Lulju 2012, ghal hin ta’ bejn l-ghaxra ta’ fil-ghodu u l-hdax ta’ fil-ghodu minn go resienza 34, Triq San Frangisk, Rabat flimkien ma’ persuna ohra bil-hsieb li jaghmel delitt wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta’ tieghu u li kieku gie esegwit kien ikun reat ta’ serq kkwalifikat bil-mezz, bil-lok u bil-valur, li jeccedi l-elfejn tlett mija u disa’ u ghoxrin Ewro u seba’ u tlettin centezmu (2329.37) ghad-dannu ta’ Angelus Zahra u/jew ta’ xi persuna/i u/jew xi entita’ u/jew entitajiet ohra
6b. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe’ fuq il-bieb ta’ barra ta’ l-imsemmija residenza liema hsara ma tiskorriex il-mija u sittax-il Ewro u seba’ u erbghin centezmu (116.47).
7. sar recediv ai termini ta’ l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra.

Il-Qorti mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni baqa' jinsisti anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

L-akkuzi jippotizzaw is-serq kwalifikat fost aggravji ohra b'dak tal-valur eccedenti l-2,300 Ewro. Hemm ukoll akkuza li tippotizza l-attentat ta' serq ukoll ikkwalifikat bil-valur. L-akkuzi tal-hsara volontarja ghalkemm jissusistu bl-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputat ghandhom jigu kkunsidrati bhala "mezz ghal fini". Japplikaw fil-kaz odjern ir-regoli tar-reat kontinwat.

L-imputat irregistra ammissjoni ghall-akkuzi kollha, liema ammissjoni hi wahda volontarja u inkondizjonata.

Issibu u tiddikjarah hati taghhom.

Rat l-Artikoli 18, 41(a), 261(b)(c)(e)(f), 263, 264, 267, 269, 270, 279(b), 280(1), 49 u 50, 31 u 17(h) tal-Kap 9.

Tikkundannah sentejn prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------